MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Numru 853/2004

**Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

Stefano Cini

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Stefano Cini ta' karta ta' identita' numru 298479M, akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, fl-1 ta' Settembru 2004 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-hanut Premier Movie Rentals fil-Mellieha, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta'

kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' 86 compact discs konsistenti f'DVDs u loghob tal-Playstation;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni hu baqa jippersisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jittrattaw l-frodi kummercjali u l-ksur tad-drittijiet ta' l-awtur.

L-imputat irregistra ammissjoni liema ammissjoni hi wahda volontarja u nkondizjonata.

Rat l-artikolu 298 u 298B tal-Kap 9 u kkonsidrat l-fatturi kollha inkluz l-fedina penali tal-imputat tiddecidi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------